MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**

**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-3 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 172/2014

Euro **Star Hotel Limited (C31865)**

**vs**

**Ali Musbah Khaled**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' Euro Star Hotel Limited (C 31865) datat 24 ta' Frar 2014 fejn tesponi bir-rispett, u Mario Azzopardi (Kl. Nru.

724454M) in rapprezentanza tal-istess socjeta' bil-gurament tieghu jikkonferma li huwa jaf bis-segwenti fatti personalment: -

1. Illi s-socjeta' rikorrenti hija proprjetarja tal-kumpless ta' appartamenti bl-isem ta' Annex San Gorg, fi Triq Ball, San Giljan, li tieghu jifforma parti l-appartament numru sebgha (7);

2. Illi l-intimat qieghed jokkupa l-imsemmi appartament numru sebgha (7), Annex San Gorg, fi Triq Ball, San Giljan, illegalment u abbuzivament *stante* li ma jgawdi minn ebda titolu validu fil-ligi;

3. Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex jizgombra, huwa baqa' inadempjenti;

4. Illi jezistu l-elementi kollha preskritti mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex t-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-izgumbrament tal-intimat mill-appartament imsemmi tigi deciza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, *stante* li, fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti, l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra din t-talba;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti *in vista* tal-premess u b'dispensa mis-smigh tal-kawza *ai termini* tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u taghti sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skont l-artikolu 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'

Malta u tiddikjara li l-intimat qieghed jokkupa l-appartament numru sebgha (7), Annex San Gorg, fi Triq Ball, San Giljan minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

2. Tordna lill-intimat sabiex fit-terminu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tipprefiggi, jizgombra mill-fond premess u cioe' mill-imsemmi appartament;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimat li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-3 ta' April 2014.

Rat li l-intimat deher u ammetta it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat.

Wara li rat ir rikors guramentat u in visto tal-ammissjoni tal-intimat , il-Qorti qed tilqa' l-istess talbiet u tordna lill-intimat sabiex fi zmien hmistax-il (15) gurnata millum jizgombra formalment mill-fond imsemmi u jghaddi c-cwievet tal-appartament lis-socjeta` attrici.

L-ispejjez jithallsu mill-istess intimat.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------